

Brussell, 17 ta' Ġunju 2022  
(OR. en)

10387/22

EF 179  
ECOFIN 638  
DELECT 98

## NOTA TA' TRAŻMISSJONI

---

minn:	Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur
lil:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
Nru dok. Cion:	C(2022) 3589 final
Suġġett:	REGOLAMENT DELEGAT TAL-KUMMISSJONI (UE) .../... ta' 10.6.2022 li jissupplimenta r-Regolament (UE) Nru 648/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-istandards tekniċi regolatorji li jispeċifikaw id-dettalji minimi tad- <i>data</i> li għandha tiġi rrapportata lir-repożitorji tad- <i>data</i> dwar it-tranżazzjonijiet u t-tip ta' rapporti li għandhom jintużaw

---

Id-delegazzjonijiet isibu mehmuż id-dokument C(2022) 3589 final.

Mehmuż: C(2022) 3589 final



IL-KUMMISSJONI  
EWROPEA

Brussell, 10.6.2022  
C(2022) 3589 final

**REGOLAMENT DELEGAT TAL-KUMMISSJONI (UE) .../...**

**ta' 10.6.2022**

**li jissupplimenta r-Regolament (UE) Nru 648/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-istandards tekniċi regolatorji li jispeċifikaw id-dettalji minimi tad-*data* li għandha tiġi rrapportata lir-repożitorji tad-*data* dwar it-tranżazzjonijiet u t-tip ta' rapporti li għandhom jintużaw**

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

## MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

### 1. KUNTEST TAL-ATT DELEGAT

Ir-Regolament (UE) Nru 2019/834 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Mejju 2019 li jemenda r-Regolament (UE) Nru 648/2012 (EMIR REFIT) jintroduċi għoti ta' setgħat varji lill-ESMA biex tiżviluppa standards tekniċi ta' implimentazzjoni u regolatorji relatati mal-qafas tar-rapportar skont l-EMIR.

L-ESMA użat l-għoti tas-setgħa diġà eżistenti fl-Artikolu 9(5) tal-EMIR biex twettaq rieżami tal-istandards tekniċi regolatorji dwar ir-rapportar. Ir-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) Nru 148/2013 li jissupplimenta r-Regolament (UE) Nru 648/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar derivati OTC, kontropartijiet ċentrali u repożitorji tad-*data* dwar it-tranżazzjonijiet fir-rigward ta' standards tekniċi regolatorji dwar id-dettalji minimi tad-*data* li trid tiġi rrapportata lir-repożitorji tat-tranżazzjonijiet<sup>1</sup> sarulu diversi rieżamijiet minn mindu ġie adottat fl-2013, prinċipalment biex tittejjeb il-kwalità tad-*data* rrapportata. Ċerti aspetti ta' dawn ir-regoli li kienu problematiċi għas-suq ġew ukoll iċċarati mill-ESMA permezz tal-Mistoqsijiet u t-Tweġibiet.

Sabiex il-qafas jinqara aħjar u tiġi żgurata l-koerenza mal-istandards tekniċi ta' implimentazzjoni l-ġodda u standards oħra maqbula internazzjonalment, l-ESMA proponiet abbozz ta' standard tekniku regolatorju li jħassar ir-Regolament Delegat 148/2013.

### 2. KONSULTAZZJONIJIET QABEL L-ADOZZJONI TAL-ATT

#### *L-aspetti proċedurali*

L-ESMA wettqet konsultazzjoni pubblika dwar l-abbozz tal-istandards tekniċi regolatorji u ta' implimentazzjoni tagħha bejn is-26 ta' Marzu 2020 u t-3 ta' Lulju 2020. L-ESMA rċeviet total ta' 41 tweġiba pubblika u 10 tweġibiet kunfidenzjali.

#### *L-opinjonijiet tal-partijiet ikkonċernati*

##### *Id-dettalji li għandhom jiġu stipulati fir-rapporti*

Fid-Dokument ta' Konsultazzjoni, l-ESMA proponiet struttura ġdida għat-tabelli tal-kampijiet tad-*data*. Kumplessivament, il-kjarifiki u l-bidliet proposti fl-istruttura tat-tabelli ntlaqgħu. Madankollu fil-kummenti ġenerali dwar id-Dokument ta' Konsultazzjoni kien hemm xi tħassib rigward l-għadd ta' kampijiet tad-*data* li jridu jiġu rrapportati. Tajjeb li wieħed jinnota li l-maġġorparti taż-żieda fl-għadd ta' kampijiet tad-*data* tirriżulta minn (i) allinjament mal-gwida globali u (ii) titjib fl-ispeċifikazzjoni tad-*data* rapportabbli. Barra minn hekk, uħud mill-kampijiet tad-*data* li dwarhom l-ESMA wettqet konsultazzjoni, ma ġewx inklużi fl-abbozz finali fid-dawl tar-rispons riċevut minħabba li tqiesu inqas kritiċi (pereż. l-identifikatur u t-tip ta' benefiċjarju, l-indikatur tal-iskattar tal-klassifikazzjoni tal-kontroparti u l-indikatur tal-livell limitu tal-klassifikazzjoni tal-kontroparti).

##### *Ir-rappurtar ta' eventi taċ-ċiklu tal-ħajja*

Il-kontropartijiet u s-CCPs huma obbligati, skont l-Artikolu 9(1) tal-EMIR kif emendat mill-EMIR REFIT, mhux biss li jirrapportaw il-konklużjoni ta' derivattiv iżda wkoll "kwalunkwe modifika jew terminazzjoni tal-kuntratt". Huma meħtieġa rekwiżiti dettaljati u trasparenti biżżejjed rigward ir-rappurtar ta' eventi taċ-ċiklu tal-ħajja biex jiġi żgurat li l-awtoritajiet ikunu jista' jkollhom stampa olistika u preċiża tal-iskoperturi fis-suq fi kwalunkwe mument.

<sup>1</sup> ĠU L 52, 23.2.2013, p. 1-10

Għaldaqstant, din l-informazzjoni hija kruċjali għall-monitoraġġ tar-riskju sistemiku u biex tiżdied it-trasparenza tas-suq tad-derivattivi. Fid-Dokument ta' Konsultazzjoni, l-ESMA proponiet approċċ rivedut għar-rapportar ta' eventi taċ-ċiklu tal-ħajja billi dak eżistenti ma rnexxilux jagħti stampa tajba lill-awtoritajiet biex jifhmu l-event operattiv li jiskatta r-rapport. Il-bażi tal-approċċ propost hija s-separazzjoni tal-informazzjoni dwar l-eventi taċ-ċiklu tal-ħajja, f'żewġ kampijiet tad-*data* separati: "Tip ta' azzjoni" – tispeċifika jekk rapport partikolari joħloqx, jimmodifikax, jikkoreġix, jittterminax, eċċ., rekord li jirrigwarda n-negożjar inkwistjoni, u "Tip ta' Event" – tipprovdi informazzjoni dwar it-tip ta' event operattiv li jiskatta rapport partikolari. Il-mudell propost ġie appoġġat b'mod wiesa' u l-maġġoranza ta' dawk li wiegħbu kkonfermaw li, b'mod kumplessiv, il-proposta hija ċara ħafna. Madankollu, il-bosta kummenti dettaljati mill-industrija juru li gwida ulterjuri (inklużi eżempji konkreti) se tkun importanti biex jiġu żgurati komprensjonijiet u implimentazzjonijiet konsistenti mill-parteciċipanti fis-suq.

#### It-tranzazzjonijiet ikklerjati

L-Artikolu 2 tar-Regolament Delegat (UE) Nru 148/2013 jistipula li meta kuntratt tad-derivattivi li d-dettalji tiegħu jkun diġà ġew irrapportati skont l-Artikolu 9 tal-EMIR jiġi sussegwentement ikklerjat minn CCP, dak il-kuntratt għandu jiġi rrapportat bħala terminat billi jintuża t-tip ta' azzjoni "Terminazzjoni Bikrija". Il-kuntratti l-ġodda li jirriżultaw mill-ikklerjar għandhom jiġu rrapportati bit-tip ta' azzjoni "Ġdid". L-istess Artikolu jipprevedi wkoll li meta kuntratt ikun konkluż f'ċentru tan-negożjar u kklerjat fl-istess jum, għandhom jiġu rrapportati biss il-kuntratti li jirriżultaw mill-ikklerjar. Barra minn hekk, għall-kuntratti kklerjati, jenħtieġ li fir-rapport il-kontropartijiet jidentifikaw is-CCP u l-membri tal-ikklerjar, kif ukoll jispeċifikaw il-kronogramma tal-ikklerjar. L-ESMA proponiet li dan ir-rapportar jibqa' wieħed loġiku u li jinżammu l-kampijiet tad-*data* rilevanti.

#### Ir-rapportar fil-livell tal-pożizzjoni

Sabiex jiġi evitat li r-rapporti dwar in-negożjar u dawk dwar il-pożizzjonijiet fl-EMIR jingħaddu darbtejn, ir-rapporti tan-negożjar oriġinali jridu jiġu aġġornati biex ikollhom status xieraq u b'hekk ikun evidenti li ma għadhomx aktar miftuħa. Fid-Dokument ta' Konsultazzjoni, l-ESMA proponiet li jinżamm l-approċċ attwali u jsirulu xi bidliet żgħar. Apparti minn hekk, l-ESMA proponiet li jiġi ċċarat li r-rapportar fil-livell tal-pożizzjoni jenħtieġ li jinqabel bejn iż-żewġ kontropartijiet, jiġifieri, iż-żewġ kontropartijiet f'negożjar jenħtieġ li jew it-tnejn li huma jinkludu d-derivattivi f'pożizzjoni jew inkella t-tnejn li huma jkomplu jirrapportaw l-eventi taċ-ċiklu tal-ħajja rilevanti fil-livell tan-negożjar. Ir-rispons dwar dan il-punt speċifiku kien imħallat. L-ESMA tirrikonoxxi d-diffikultajiet potenzjali biex ikun hemm qbil bilaterali dwar il-livell ta' rapportar bejn il-kontropartijiet u l-impatt negattiv ta' tali problemi fuq ir-rikonċiljazzjoni. Billi żżomm f'moħħha li r-rapportar fil-livell tal-pożizzjoni hija opzjoni, u mhux rekwiżit, l-ESMA tiċċara li r-rapportar fil-livell tan-negożjar huwa l-mod prestabbilit kif għandhom isiru l-affarijiet, li jfisser li fin-nuqqas ta' ftehim bejn il-kontropartijiet, jenħtieġ li dawn tal-aħħar jirrapportaw id-derivattivi fil-livell tan-negożjar. Ir-rapportar fil-livell tal-pożizzjoni jkun fattibbli biss meta jkun ssodisfati l-kundizzjonijiet kollha rilevanti u iż-żewġ kontropartijiet jaqblu dwar ir-rapportar fil-livell tal-pożizzjoni.

#### Ir-rapportar tal-kollateral

Rigward il-marġnijiet, ġew inklużi diversi kampijiet tad-*data* addizzjonali f'konformità mal-gwida internazzjonali. Dawn għandhom iwasslu biex l-awtoritajiet jidentifikaw ir-riskji li jkun qegħdin ifeġġu fis-swieq tad-derivattivi minħabba bidliet fil-haircuts applikati. Fuq bażi aggregata, dawn jistgħu jintużaw ukoll biex jiġi determinat il-livell medju ponderat ta' haircuts applikati għal kull portafoll kif ukoll l-evoluzzjoni tiegħu maż-żmien. Informazzjoni ta' din ix-xorta tkun ta' għajnuna għall-awtoritajiet biex ikejlu l-kwalità tal-kollateral,

jivvalutaw l-evoluzzjoni tal-ingranaġġ fis-sistema finanzjarja u l-akkumulu potenzjali tal-istress u r-riskju sistemiku, minn puntdivista ta' stabbiltà finanzjarja. Ħadd minn dawk li wiegħbu ma qajjem xi kwistjonijiet kbar.

#### L-ammonti nozzjonali

Dan huwa kamp tad-*data* ewlieni u huwa kruċjali li dan il-kamp jimtela kif suppost. L-Artikolu 3a tar-Regolament Delegat (UE) Nru 148/2013 jiddikjara kif dan il-kamp għandu jimtela għal ċerti tipi ta' kuntratti tad-derivattivi. Ir-Regolament Delegat (UE) Nru 148/2013 jipprovdi wkoll definizzjonijiet ta' "Ammont nozzjonali" u "Kwantità". Il-gwida tas-CPMI-IOSCO tipprovdi struzzjonijiet dettaljati dwar ir-rapportar tan-nozzjonali għal prodotti OTC differenti. L-ESMA proponiet li l-kontenut ta' dik il-gwida jintuża għar-rapportar tan-nozzjonali skont l-EMIR għad-derivattivi OTC. Ir-rispons riċevut kien ġeneralment favur.

#### Il-prezz

Fid-Dokument ta' Konsultazzjoni, l-ESMA proponiet ċerti emendi għall-mekkaniżmi li fihom jiġi rrapportat il-prezz ta' kuntratt tad-derivattivi. B'mod partikolari, l-ESMA proponiet li jinbidlu l-kampijiet tad-*data* u d-definizzjonijiet tagħhom biex ikun hemm allinjament aħjar mal-gwida internazzjonali u ċċarat li l-kamp tad-*data* "Prezz" jenħtieġ li jimtela biss meta l-informazzjoni ma tingħatax f'kamp tad-*data* ieħor. B'mod ġenerali, ir-reazzjoni fost dawk li wiegħbu kienet waħda pożittiva fir-rigward tal-proposti li saru mill-ESMA.

#### Il-kollegament bejn ir-rapporti

Abbażi ta' gwida internazzjonali, fid-Dokument ta' Konsultazzjoni, l-ESMA proponiet li jiddaħħlu sitt kampijiet tad-*data* ġodda. Dawk li wiegħbu kellhom fehmiet diverġenti dwar l-introduzzjoni ta' dawn il-kampijiet tad-*data* ġodda. L-ESMA tantiċipa li l-linji gwida tal-EMIR fil-futur fir-rigward tar-rapportar se jinkludu kjarifiki dwar kif dawn il-kampijiet tad-*data* ġodda għandhom jimtlew. L-ESMA proponiet li r-rapporti li jirrigwardaw id-derivattivi li jidħlu fl-istess eżerċizzju ta' kompressjoni jew li jirriżultaw minnu, jiġi kkollegati permezz ta' identifikatur komuni u li dan jintużaw biex jikkollega d-derivattivi mhux biss f'każ ta' kompressjoni, iżda wkoll f'każ ta' events oħra ta' tnaqqis tar-riskju ta' wara n-negozjar, bħar-riekwilibriju. Fid-dawl tar-rispons riċevut, l-ESMA ddeċidiet li dan jenħtieġ li jiġi rrapportat, meta applikabbli, b'mod partikolari f'każ ta' kompressjoni b'fornitur tas-servizzi terz jew CCP u ta' riekwilibriju tal-portafoll.

### **3. VALUTAZZJONI TAL-IMPATT**

Il-Kummissjoni ma wettqitx valutazzjoni tal-impatt dettaljata dwar l-istandards tekniċi regolatorji proposti iżda bbażat il-valutazzjoni tagħha fuq l-analiżi tal-kostijiet u l-benefiċċji tal-ESMA inkluża fir-Rapport Finali tagħha.

Id-deċiżjonijiet prinċipali ta' politika diġà ġew analizzati u ppubblikati mill-Kummissjoni rigward il-proposta leġiżlattiva li wasslet għar-Regolament (UE) Nru 2019/834 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Mejju 2019 li jemenda r-Regolament (UE) Nru 648/2012.

L-ESMA hija tal-fehma li l-emendi proposti għall-istandards tekniċi se jtejbu l-kwalità tad-*data* rrapportata skont l-EMIR, u b'hekk jipprovdu benefiċċju ċar għall-awtoritajiet intitolati għall-aċċess għad-*data* tal-EMIR, iżda wkoll għall-entitajiet li jirrapportaw u għar-repożitorji tad-*data* dwar it-tranżazzjonijiet. Pereżempju, l-emendi proposti li jallinjaw ir-rekwiżiti fl-UE mal-gwida globali dwar ir-rapportar tad-derivattivi OTC huma mistennija jgħibu magħhom tnaqqis sinifikanti fil-kostijiet għall-entitajiet li jirrapportaw taħt diversi ġurisdizzjonijiet. Bl-istess mod, standardizzazzjoni ulterjuri tal-formati u l-użu ta' ISO 20022 għar-rapportar mill-kontropartijiet lir-repożitorji tad-*data* dwar it-tranżazzjonijiet, inaqqsu l-kwistjonijiet tal-

kwalità tad-*data* u jikkontribwixxu għal rikonċiljazzjoni aktar faċli tar-rapporti, u b'hekk inaqqsu l-ħtieġa tal-proċessi ta' segwitu onerużi fir-rigward tad-diskrepanzi fir-rikonċiljazzjoni.

Minkejja li dawn il-benefiċċji jisbqu l-kostijiet, huwa inevitabbli li fuq medda qasira ta' żmien, il-modifiki għas-sistemi ta' rapportar li jirriżultaw mill-istandards tekniċi regolatorji u ta' implimentattivi proposti se jimplikaw kostijiet għall-awtoritajiet, il-kontropartijiet u r-repożitorji tad-*data* dwar it-tranżazzjonijiet. L-ESMA qiegħda tipproponi skeda ta' żmien għall-implimentazzjoni li għandha tgħin biex jittaffew l-implikazzjonijiet tal-kostijiet.

#### **4. ELEMENTI ĠURIDIĊI TAL-ATT DELEGAT**

L-Artikolu 1 jippreżenta d-dettalji li għandhom jiġu stipulati fir-rapporti.

L-Artikolu 2 jistipula kif għandhom jiġu rrapportati t-tranżazzjonijiet ikklerjati.

L-Artikolu 3 jistabbilixxi l-kundizzjonijiet għar-rapportar fil-livell tal-pożizzjoni.

L-Artikolu 4 jistabbilixxi d-dettalji fir-rigward tar-rapportar tal-iskoperturi.

L-Artikolu 5 jispeċifika r-rapportar ta' ammonti nozzjonali.

L-Artikolu 6 jispeċifika r-rapportar tal-prezzijiet.

L-Artikolu 7 jispeċifika l-obbligi fir-rigward tal-kollegament tar-rapporti relatati mad-derivattivi konklużi jew terminati frott l-istess event.

L-Artikolu 8 iħassar ir-Regolament Delegat (UE) Nru 148/2013.

L-Artikolu 9 jistabbilixxi l-applikazzjoni tar-regoli proposti għal 18-il xahar wara d-dħul fis-seħħ tiegħu.

# REGOLAMENT DELEGAT TAL-KUMMISSJONI (UE) .../...

ta' 10.6.2022

**li jissupplimenta r-Regolament (UE) Nru 648/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-istandards tekniċi regolatorji li jispeċifikaw id-dettalji minimi tad-*data* li għandha tiġi rrapportata lir-repożitorji tad-*data* dwar it-tranżazzjonijiet u t-tip ta' rapporti li għandhom jintużaw**

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) Nru 648/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-4 ta' Lulju 2012 dwar derivati OTC, kontropartijiet ċentrali u repożitorji tad-*data* dwar it-tranżazzjonijiet<sup>2</sup>, u b'mod partikolari l-Artikolu 9(5) tiegħu,

Billi:

- (1) Ir-Regolament ta' Delega (UE) Nru 148/2013 tad-19 ta' Diċembru 2012 li jissupplimenta r-Regolament (UE) Nru 648/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar derivati OTC, kontropartijiet ċentrali u repożitorji tad-*data* dwar it-tranżazzjonijiet fir-rigward ta' standards tekniċi regolatorji dwar id-dettalji minimi tad-*data* li trid tiġi rrapportata lir-repożitorji tad-tranżazzjonijiet ġie emendat sostanzjalment. Ladarba jkun meħtieġa emendi ulterjuri sabiex tittejjeb iċ-ċarezza tal-qafas tar-rapportar u tiġi żgurata l-koerenza ma' standards tekniċi ta' implimentazzjoni ġodda u standards oħra maqbula internazzjonalment, dak ir-Regolament jenħtieġ li jitħassar u jiġi sostitwit b'dan ir-Regolament.
- (2) Ir-rapportar ta' dettalji kompluti u preċiżi tad-derivattivi, inkluża l-indikazzjoni tal-eventi operattivi li jiskattaw il-bidliet fid-derivattivi, huwa essenzjali biex jiġi żgurat li d-*data* tad-derivattivi tkun tista' tintuża b'mod effettiv.
- (3) Meta kuntratt tad-derivattivi jkun magħmul minn taħlita ta' kuntratti tad-derivattivi li jiġu nnegozjati flimkien bħala l-prodott ta' ftehim ekonomiku uniku, l-awtoritajiet kompetenti jkun jeħtiġilhom jifhmu l-karatteristiċi ta' kull wieħed mill-kuntratti tad-derivattivi konċernati. Billi l-awtoritajiet kompetenti jeħtiġilhom ukoll ikunu jistgħu jifhmu l-kuntest kumplessiv, jenħtieġ li jkun evidenti wkoll mir-rapport li l-kuntratt tad-derivattivi huwa parti minn derivattiv kumpless. Għaldaqstant, il-kuntratti tad-derivattivi li jirrigwardaw taħlita ta' kuntratti tad-derivattivi jenħtieġ li jiġu rrapportati f'rapporti separati għal kull kuntratt tad-derivattivi b'identifikatur intern biex ikun hemm kollegament bejn ir-rapporti.
- (4) Fil-każ ta' kuntratti tad-derivattivi magħmula minn taħlita ta' kuntratti tad-derivattivi li jeħtieġ li jiġu rrapportati f'aktar minn rapport wieħed, jaf ikun diffiċli li jiġi determinat kif l-informazzjoni rilevanti dwar il-kuntratt jenħtieġ li tiġi stipulata fid-

<sup>2</sup> ĠU L 201, 27.7.2012, p. 1.

diversi rapporti, u b'hekk kemm rapporti jenħtieġ li jitressqu. Għaldaqstant, jenħtieġ li l-kontropartijiet jaqblu dwar l-għadd ta' rapporti li għandhom jitressqu li jipprovdu dettalji fuq kuntratt bħal dan.

- (5) Sabiex jingħata lok għall-flessibbiltà, jenħtieġ li kontroparti tkun tista' tiddelega r-rapportar ta' kuntratt lill-kontroparti l-oħra jew lil parti terza. Jenħtieġ ukoll li l-kontropartijiet ikunu jistgħu jaqblu li jiddelegaw ir-rapportar lil entità terza komuni inkluża kontroparti ċentrali ("CCP" - central counterparty). Sabiex tiġi żgurata l-kwalità tad-*data* meta jsir rapport wieħed f'isem iż-żewġ kontropartijiet, jenħtieġ li jkun fih id-dettalji rilevanti kollha fir-rigward ta' kull kontroparti. Meta r-rapportar jiġi ddelegat, jenħtieġ li r-rapport ikun fih is-sett komplut tad-dettalji li kienu jiġu rrapportati li kieku r-rapport sar mill-kontroparti li tirrapporta.
- (6) Huwa importanti li jiġi rikonoxxut li CCP taġixxi bħala parti f'kuntratt tad-derivattivi. B'hekk, meta kuntratt eżistenti jiġi sussegwentement ikklerjat minn CCP, jenħtieġ li dan jiġi rrapportat bħala terminat u jenħtieġ li jiġi rrapportat il-kuntratt il-ġdid li jirriżulta mill-ikklerjar.
- (7) Huwa importanti wkoll li jiġi rikonoxxut li ċerti derivattivi, bħad-derivattivi nnegożjati f'ċentri tan-negożjar jew pjattaformi organizzati tan-negożjar li jkunu jinsabu barra l-Unjoni, id-derivattivi kklerjati minn CCPs jew kuntratti għad-differenza, ta' sikwit jiġu terminati u inklużi f'pożizzjoni u r-riskju għal tali derivattivi jiġi mmaniġġjat fil-livell tal-pożizzjoni. Barra minn hekk, hija l-pożizzjoni li tirriżulta, u mhux id-derivattivi oriġinali fil-livell tan-negożjar, li ssir soġġetta għall-eventi ta-ċiklu tal-ħajja sussegwenti. Sabiex ikun jista' jsir rapportar effiċjenti u preċiż ta' dawn id-derivattivi, jenħtieġ li l-kontropartijiet jitħallew jirrapportaw fil-livell tal-pożizzjoni. Sabiex jiġi żgurat li l-kontropartijiet ma jużawx ir-rapportar fil-livell tal-pożizzjoni b'mod mhux opportun, jenħtieġ li jiġu stipulati kundizzjonijiet speċifiċi, li jenħtieġ li jiġu ssodisfati biex isir ir-rapportar fil-livell tal-pożizzjoni.
- (8) Sabiex il-konċentrazzjonijiet tal-iskoperturi u r-riskju sistemiku jiġu mmonitorjati kif suppost, huwa kruċjali li jiġi żgurat li titressaq informazzjoni kompluta u preċiża dwar l-iskopertura u l-kollateral skambjati bejn żewġ kontropartijiet lir-repożitorji tad-*data* dwar it-tranżazzjonijiet. Il-valur ta' kuntratt ikkalkolat bil-metodu ta' valwazzjoni skont is-suq jew valwazzjoni skont mudell jindika s-sinjal u d-daqs tal-iskoperturi relatati ma' dak il-kuntratt, u jikkumplimenta l-informazzjoni dwar il-valur oriġinali speċifikat fil-kuntratt. Għaldaqstant, huwa essenzjali li l-kontropartijiet jirrapportaw il-valwazzjonijiet tal-kuntratti tad-derivattivi skont metodoloġija komuni. Barra minn hekk, huwa daqstant ieħor importanti li jkun meħtieġ rapportar tal-marġnijiet inizjali u ta' varjazzjoni kostitwiti u riċevuti. Għalhekk, il-kontropartijiet li jikkollateralizzaw id-derivattivi tagħhom jenħtieġ li jirrapportaw tali dettalji ta' kollateralizzazzjoni fuq bażi ta' livell ta' negożjar. Meta l-kollateral jiġi kkalkolat fuq bażi ta' portafoll, jenħtieġ li l-kontropartijiet jirrapportaw il-marġnijiet inizjali u ta' varjazzjoni kostitwiti u riċevuti li jirrigwardaw dak il-portafoll billi jużaw kodiċi uniku kif determinat mill-kontroparti li tirrapporta. Jenħtieġ li dak il-kodiċi uniku jidentifika l-portafoll speċifiku li fuqu jiġi skambjat il-kollateral u jenħtieġ ukoll li jiżgura li d-derivattivi rilevanti kollha jkunu jistgħu jiġu kkollegati ma' dak il-portafoll partikolari.
- (9) L-ammonti nozzjonali huwa karatteristika essenzjali ta' derivattiv biex jiġu ddeterminati l-obbligi assoċjati ma' dak id-derivattiv. Barra minn hekk, l-ammonti nozzjonali jintużaw bħala waħda mill-metriċi biex jiġu vvalutati l-iskoperturi, il-volumi tan-negożjar u d-daqs tas-suq tad-derivattivi. B'hekk, ir-rapportar konsistenti tal-ammonti nozzjonali huwa essenzjali. Sabiex jiġi żgurat li l-kontropartijiet

jirrapportaw l-ammonti nozzjonali b'mod armonizzat, jenħtieġ li jiġi speċifikat il-metodu meħtieġ li bih jinħadem l-ammont nozzjonali fir-rigward ta' tipi differenti ta' prodotti.

- (10) Bl-istess mod, l-informazzjoni relatata mal-ipprezzar tad-derivattivi jenħtieġ li tiġi rrapportata b'mod konsistenti u b'hekk tippermetti lill-awtoritajiet kompetenti jivverifikaw l-iskoperturi rrapportati, jevalwaw il-kostijiet u l-likwidita' fis-swieq tad-derivattivi kif ukoll iqabblu l-prezzijiet ta' prodotti simili nnegozjati fi swieq differenti.
- (11) Minħabba eventi taċ-ċiklu tal-ħajja bħall-ikklerjar, in-novazzjoni jew il-kompressjoni, jinħolqu ċerti derivattivi jew jiġu modifikati jew terminati. Sabiex l-awtoritajiet kompetenti jkunu jistgħu jifhmu s-sekwenzi tal-eventi li jseħħu fis-suq u r-relazzjonijiet bejn id-derivattivi rrapportati, huwa essenzjali li jiġi pprovdut metodu li jikkollega d-derivattivi kollha relatati affettwati mill-istess event taċ-ċiklu tal-ħajja. Billi l-aktar mod effiċjenti ta' kollegament bejn id-derivattivi jaf ivarja skont in-natura tal-event, jenħtieġ li jiġu stabbiliti metodi differenti ta' kollegament.
- (12) Dan ir-Regolament huwa bbażat fuq l-abbozz ta' standards tekniċi regolatorji ppreżentat lill-Kummissjoni mill-Awtorità Ewropea tat-Titoli u s-Swieq (ESMA - European Securities and Markets Authority).
- (13) L-ESMA wettqet konsultazzjonijiet pubbliċi miftuħin dwar l-abbozz tal-istandards tekniċi regolatorji li dan ir-Regolament huwa bbażat fuqhom, analizzat il-kostijiet u l-benefiċċji potenzjali relatati u talbet il-parir tal-Grupp tal-Partijiet Interessati tat-Titoli u s-Swieq stabbilit f'konformità mal-Artikolu 37 tar-Regolament (UE) Nru 1095/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>3</sup>.
- (14) Sabiex il-kontropartijiet u r-repożitorji tad-*data* dwar it-tranżazzjonijiet ikunu jistgħu jieħdu l-azzjonijiet kollha meħtieġa biex jadattaw għar-rekwiżiti l-ġodda, id-*data* tal-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament jenħtieġ li tiġi differita bi 18-il xahar,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

#### *Artikolu 1*

#### ***Dettalji li għandhom jiġu stipulati fir-rapporti skont l-Artikolu 9(1) u (3) tar-Regolament (UE) Nru 648/2012***

1. Ir-rapporti lir-repożitorji tad-*data* dwar it-tranżazzjonijiet skont l-Artikolu 9(1) u (3) tar-Regolament (UE) Nru 648/2012 għandhom jinkludu d-dettalji kompluti u preċiżi stipulati fit-Tabelli 1, 2 u 3 tal-Anness ta' dan ir-Regolament li jirrigwardaw id-derivattiv ikkonċernat. Dawn id-dettalji għandhom jiġu rrapportati f'rapport uniku.
2. Meta tirrapporta l-konklużjoni, il-modifika jew it-terminazzjoni tad-derivattiv, kontroparti għandha tispeċifika fir-rapport tagħha d-dettalji tat-tip ta' azzjoni u tat-tip ta' event, kif deskritt fil-kampijiet tad-*data* 151 u 152 fit-Tabella 2 tal-Anness, li tirreferi għalihom dik il-konklużjoni, modifika jew terminazzjoni.
3. Permezz ta' deroga mill-paragrafu 1, fejn il-kampijiet tad-*data* fit-Tabelli 1, 2 u 3 tal-Anness ma jippermettux li jsir rapportar effettiv tad-dettalji msemmija fil-paragrafu 1, dawk id-dettalji għandhom jiġu rrapportati f'rapporti separati, bħal fil-każ fejn il-

<sup>3</sup> Ir-Regolament (UE) Nru 1095/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Novembru 2010 li jistabbilixxi Awtorità Superviżorja Ewropea (Awtorità Ewropea tat-Titoli u s-Swieq) u li jemenda d-Deċiżjoni Nru 716/2009/KE u jħassar id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2009/77/KE (ĠU L 331, 15.12.2010, p. 84).

kuntratt tad-derivattivi jkun magħmul minn taħlita ta' kuntratti tad-derivattivi li jiġu nnegozjati flimkien bħala l-prodott ta' ftehim ekonomiku uniku.

Qabel l-iskadenza tar-rapportar, il-kontropartijiet f'kuntratt tad-derivattivi magħmul minn taħlita ta' kuntratti tad-derivattivi msemmija fl-ewwel subparagrafu, għandhom jaqblu dwar l-għadd ta' rapporti separati li għandhom jintbagħtu lil repożitorju tad-*data* dwar it-tranżazzjonijiet b'rabta ma' dak il-kuntratt tad-derivattivi.

Il-kontroparti li tirrapporta għandha tikkollega r-rapporti separati, permezz ta' identifikatur li jkun uniku fil-livell tal-kontroparti, mal-grupp tar-rapporti dwar id-derivattivi, skont il-kamp tad-*data* 6 fit-Tabella 2 tal-Anness.

4. Meta jsir rapport wieħed f'isem iż-żewġ kontropartijiet, għandu jkun fih id-dettalji stipulati fit-Tabelli 1, 2 u 3 tal-Anness fir-rigward ta' kull kontroparti.
5. Meta kontroparti waħda tirrapporta d-dettalji ta' derivattiv lil repożitorju tad-*data* dwar it-tranżazzjonijiet f'isem il-kontroparti l-oħra, jew entità terza tirrapporta kuntratt lil repożitorju tad-*data* dwar it-tranżazzjonijiet f'isem kontroparti waħda jew f'isem iż-żewġ kontropartijiet, id-dettalji rapportati għandhom jinkludu s-sett sħiħ tad-dettalji li kienu jiġu rrapportati li kieku d-derivattivi ġew irrapportati lir-repożitorju tad-*data* dwar it-tranżazzjonijiet minn kull kontroparti separatament.

## *Artikolu 2*

### ***Tranżazzjonijiet ikklerjati***

1. Meta derivattiv li d-dettalji tiegħu jkunu diġà ġew irrapportati skont l-Artikolu 9 tar-Regolament (UE) Nru 648/2012 jiġi sussegwentement ikklerjat minn kontroparti ċentrali ("CCP"), dan id-derivattiv għandu jiġi rrapportat bħala terminat billi fil-kampijiet tad-*data* 151 u 152 fit-Tabella 2 tal-Anness ta' dan ir-Regolament tiġi speċifikata t-tip ta' azzjoni "Terminazzjoni" u t-tip ta' event 'Ikklerjar'. Derivattivi ġodda li jirriżultaw mill-ikklerjar għandhom jiġu rrapportati billi fil-kampijiet tad-*data* 151 u 152 fit-Tabella 2 tal-Anness ta' dan ir-Regolament jiġu speċifikati t-tip ta' azzjoni "Ġdid" u t-tip ta' event "Ikklerjar".
2. Fejn derivattiv jiġi konkluż f'ċentru tan-negozjar jew f'pjattaforma organizzata tan-negozjar li jkunu jinsabu barra l-Unjoni kif ukoll jiġi kklerjat minn CCP fl-istess jum, għandhom jiġu rrapportati biss id-derivattivi li jirriżultaw mill-ikklerjar. Dawn id-derivattivi għandhom jiġu rrapportati billi fil-kampijiet tad-*data* 151 u 152 fit-Tabella 2 tal-Anness jiġu speċifikati t-tip ta' azzjoni "Ġdid" jew inkella t-tip ta' pożizzjoni "Komponent tal-pożizzjoni", f'konformità mal-Artikolu 3(2), u t-tip ta' event "Ikklerjar".

## *Artikolu 3*

### ***Ir-rapportar fil-livell tal-pożizzjoni***

1. B'segwitu għar-rapportar tad-dettalji ta' derivattiv li kontroparti tkun ikkonkludiet u t-terminazzjoni ta' dan id-derivattiv minħabba l-inklużjoni f'pożizzjoni, kontroparti għandha titħalla tuża rapportar fil-livell tal-pożizzjoni, dment li jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet kollha segwenti:
  - (a) ir-riskju jiġi mmaniġġjat fil-livell tal-pożizzjoni;
  - (b) ir-rapporti jirrigwardaw derivattivi konklużi f'ċentru tan-negozjar jew f'pjattaforma organizzata tan-negozjar li jkunu jinsabu barra l-Unjoni jew

- derivattivi kklerjati minn CCP jew kuntratti għad-differenza li bejniethom ikun hemm funġibilità u jkunu ġew issostitwiti mill-pożizzjoni;
- (c) id-derivattivi fil-livell tan-negozjar kif imsemmi fil-kamp tad-*data* 154 fit-Tabella 2 tal-Anness, ikunu ġew rrapportati kif suppost qabel ma jkunu ġew inklużi fil-pożizzjoni;
  - (d) eventi oħra li jaffettwaw il-kampijiet tad-*data* komuni fir-rapport tal-pożizzjoni jiġu rrapportati separatament;
  - (e) id-derivattivi msemija fil-punt (b) ikunu ġew terminati kif dovut billi jiġi indikat it-tip ta' azzjoni "Terminazzjoni" fil-kamp tad-*data* 151 fit-Tabella 2 tal-Anness u t-tip ta' event "Inklużjoni f'pożizzjoni" fil-kamp tad-*data* 152 fit-Tabella 2 tal-Anness;
  - (f) il-pożizzjoni li tirriżulta tkun ġiet irrapportata kif dovut bħala pożizzjoni ġdida jew inkella bħala aġġornament ta' pożizzjoni eżistenti;
  - (g) ir-rapport tal-pożizzjoni jkun sar billi mtlew b'mod korrett il-kampijiet tad-*data* applikabbli kollha fit-Tabelli 1 u 2 tal-Anness u billi ġie indikat li r-rapport kien qiegħed isir fil-livell tal-pożizzjoni fil-kamp tad-*data* 154 fit-Tabella 2 tal-Anness;
  - (h) il-kontropartijiet tad-derivattiv jaqblu li d-derivattiv għandu jiġi rrapportat fil-livell tal-pożizzjoni.
2. Fil-każijiet li fihom hemm l-obbligu li derivattiv eżistenti jiġi inkluż f'rapport fil-livell tal-pożizzjoni fl-istess jum, tali derivattiv għandu jiġi rrapportat bit-tip ta' azzjoni "Komponent tal-pożizzjoni" fil-kamp tad-*data* 151 fit-Tabella 2 tal-Anness.
  3. L-aġġornament sussegwenti, inklużi l-aġġornamenti tal-valwazzjoni, l-aġġornamenti tal-kollateral u modifiki u eventi taċ-ċiklu tal-ħajja oħra, għandhom jiġu rrapportati fil-livell tal-pożizzjoni u ma għandhomx jiġu rrapportati għad-derivattivi oriġinali fil-livell tan-negozjar li ġew terminati u inklużi f'dik il-pożizzjoni.

#### *Artikolu 4*

#### ***Ir-rapportar tal-iskoperturi***

1. Id-*data* dwar il-kollateral għad-derivattivi kklerjati kif ukoll għal dawk mhux ikklerjati għandha tinkludi kull kollateral depożitat u riċevut skont il-kampijiet tad-*data* minn 1 sa 29 fit-Tabella 3 tal-Anness.
2. Meta kontroparti 1 tikkollateralizza fuq bażi ta' portafoll, il-kontroparti 1 jew l-entità responsabbli għar-rapportar għandha tirrapporta f'repożitorju tad-*data* dwar it-tranżazzjonijiet, il-kollateral depożitat u riċevut fuq bażi ta' portafoll skont il-kampijiet tad-*data* minn 1 sa 29 fit-Tabella 3 tal-Anness u tispeċifika kodiċi li jidentifika l-portafoll skont il-kamp tad-*data* 9 fit-Tabella 3 tal-Anness.
3. Kontropartijiet mhux finanzjarji minbarra dawk imsemmija fl-Artikolu 10 tar-Regolament (UE) Nru 648/2012 jew l-entitajiet responsabbli għar-rapportar f'isimhom ma għandhomx ikunu meħtieġa jirrapportaw il-kollateral, il-valwazzjoni skont is-suq, jew il-valwazzjoni skont mudell tal-kuntratti stipulati fit-Tabella 2 u t-Tabella 3 tal-Anness ta' dan ir-Regolament.
4. Għal derivattivi kklerjati minn CCP, il-kontroparti 1 jew l-entità responsabbli għar-rapportar għandha tirrapporta l-valwazzjoni tad-derivattiv ipprovduta mis-CCP skont il-kampijiet tad-*data* 21 sa 25 fit-Tabella 2 tal-Anness.

5. Għal derivattivi mhux ikklerjati minn CCP, il-kontroparti 1 jew l-entità responsabbli għar-rapportar għandha tirrapporta, skont il-kampijiet tad-*data* 21 sa 25 fit-Tabella 2 tal-Anness ta' dan ir-Regolament, il-valwazzjoni tad-derivattiv imwettqa skont il-metodoloġija definita fl-Istandard Internazzjonali tar-Rapportar Finanzjarju (IFRS – International Financial Reporting Standard) 13 Kejl tal-Valur Ġust kif adottat mir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1126/2008<sup>4</sup>, mingħajr ma jiġi applikat l-ebda aġġustament tal-valur ġust.

#### *Artikolu 5*

#### ***L-ammont nozzjonali***

1. L-ammont nozzjonali ta' derivattiv imsemmi fil-kampijiet tad-*data* 55 u 64 fit-Tabella 2 tal-Anness għandu jiġi speċifikat kif ġej:
- (a) fil-każ ta' swaps, futuri, forwards u opzjonijiet innegożjati f'unitajiet monetarji, l-ammont ta' referenza;
  - (b) fil-każ ta' opzjonijiet għajr dawk imsemmija fil-punt (a), ikkalkulat billi jintuża l-prezz tal-eżerċitar;
  - (c) fil-każ ta' forwards għajr dawk imsemmija fil-punt (a), il-prodott tal-prezz forward u l-kwantità nozzjonali totali tas-sottostanti;
  - (d) fil-każ ta' swaps ta' dividendi tal-ekwità, il-prodott tal-eżerċitar fiss tal-perjodu u l-għadd ta' ishma jew unitajiet tal-indiċi;
  - (e) fil-każ ta' swaps ta' volatilità tal-ekwità, l-ammonti nozzjonali vega;
  - (f) fil-każ ta' swaps ta' varjanza tal-ekwità, l-ammont ta' varjanza;
  - (g) fil-każ ta' kuntratti finanzjarji għad-differenza, l-ammont li jirriżulta tal-prezz inizjali u l-kwantità nozzjonali totali;
  - (h) fil-każ ta' swaps fissi/varjabbli tal-komoditajiet, il-prodott tal-prezz fiss u l-kwantità nozzjonali totali;
  - (i) fil-każ ta' swaps varjabbli għal varjabbli tal-komoditajiet, il-prodott tal-aħħar prezz spot disponibbli fil-mument tat-tranżazzjoni tal-assi sottostanti tal-komponent mingħajr spread u l-kwantità nozzjonali totali tal-komponent mingħajr spread;
  - (j) fil-każ ta' swapzjoni, l-ammont nozzjonali tal-kuntratt sottostanti;
  - (k) fil-każ ta' derivattiv mhux imsemmi fis-subparagrafi minn (a) sa (j), fejn l-ammont nozzjonali jiġi kkalkulat permezz tal-prezz tal-assi sottostanti u dan il-prezz ikun disponibbli biss meta jsir is-saldu, il-prezz tat-tmiem il-jum tal-assi sottostanti fid-*data* tal-konklużjoni tal-kuntratt.
2. Ir-rapport inizjali ta' kuntratt tad-derivattivi li l-ammont nozzjonali tiegħu jvarja maż-żmien għandu jispeċifika l-ammont nozzjonali kif applikabbli fid-*data* tal-konklużjoni tal-kuntratt tad-derivattivi u l-iskeda tal-ammont nozzjonali.

Meta jirrapportaw l-iskeda tal-ammont nozzjonali, il-kontropartijiet għandhom jindikaw dan kollu li ġej:

---

<sup>4</sup> Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1126/2008 tat-3 ta' Novembru 2008 li jadotta ċerti standards internazzjonali tal-kontabilità skont ir-Regolament (KE) Nru 1606/2002 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (Test b' rilevanza għaż-ŻEE) (ĠU L 320, 29.11.2008, p. 1).

- (i) id-data mhux aġġustata li fiha l-ammont nozzjonali assoċjat isir effettiv;
- (ii) id-data tat-tmiem mhux aġġustata tal-ammont nozzjonali;
- (iii) l-ammont nozzjonali li jsir effettiv fid-data effettiva mhux aġġustata assoċjata.

#### *Artikolu 6*

##### ***Il-prezz***

1. Il-prezz ta' derivattiv imsemmi fil-kamp tad-*data* 48 fit-Tabella 2 tal-Anness għandu jiġi speċifikat kif ġej:
  - (a) fil-każ ta' swaps b'pagamenti perjodiċi li jirrigwardaw il-komoditajiet, il-prezz fiss;
  - (b) fil-każ ta' forwards li jirrigwardaw il-komoditajiet u l-ekwitajiet, il-prezz forward tas-sottostanti;
  - (c) fil-każ ta' swaps li jirrigwardaw l-ekwitajiet u kuntratti għad-differenza, il-prezz inizjali tas-sottostanti.
2. Il-prezz ta' derivattiv ma għandux jiġi speċifikat fil-kamp tad-*data* 48 fit-Tabella 2 tal-Anness meta jkun speċifikat f'kamp tad-*data* ieħor fit-Tabella 2 tal-Anness.

#### *Artikolu 7*

##### ***Il-kollegament bejn ir-rapporti***

Il-kontroparti li tirrapporta jew l-entità responsabbli għar-rapportar għandha tikkollega r-rapporti li jirrigwardaw id-derivattivi konklużi jew terminati frott l-istess event imsemmi fil-kamp tad-*data* 152 fit-Tabella 2 tal-Anness kif ġej:

- (a) fil-każ ta' kklerjar, intervent, allokazzzjoni u eżerċitar, il-kontroparti għandha tirrapporta l-identifikatur uniku tat-tranżazzjoni ("UTI" – unique trade identifier) tad-derivattiv oriġinali li jkun ġie terminat frott l-event imsemmi fil-kamp tad-*data* 152 fit-Tabella 2 fil-kamp tad-*data* 3 fit-Tabella 2 tal-Anness fir-rapport jew rapporti li jirrigwardaw id-derivattiv jew id-derivattivi li jirriżultaw minn dak l-event;
- (b) fil-każ ta' inklużjoni ta' derivattiv f'pożizzjoni, il-kontroparti għandha tirrapporta l-UTI tal-pożizzjoni li fiha jkun ġie inkluż dak id-derivattiv fil-kamp tad-*data* 4 fit-Tabella 2 tal-Anness fir-rapport ta' dak id-derivattiv mibgħut bit-tip ta' azzjoni "Komponent tal-pożizzjoni" jew taħlita tat-tip ta' azzjoni "Terminazzjoni" u tip ta' event "Inklużjoni f'pożizzjoni";
- (c) fil-każ ta' event ta' tnaqqis tar-riskju ta' wara n-negożjar (PTRR – post-trade risk reduction) ma' fornitur tas-servizz PTRR jew CCP li tipprovdi s-servizz PTRR, il-kontroparti għandha tirrapporta kodiċi uniku li jidentifika dan l-event bħala pprovdut minn dak il-fornitur tas-servizz PTRR jew is-CCP fil-kamp tad-*data* 5 fit-Tabella 2 tal-Anness fir-rapporti kollha li jirrigwardaw id-derivattivi li jkunu ġew terminati minħabba dak l-event jew inkella jirriżultaw minnu.

#### *Artikolu 8*

##### ***Tħassir***

Ir-Regolament ta' Delega (UE) Nru 148/2013 huwa mħassar.

Ir-referenzi għar-Regolament imħassar għandhom jinftiehem bħala referenzi għal dan ir-Regolament.

*Artikolu 9*  
***Dħul fis-seħħ***

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Għandu japplika minn [OP: daħħlu d-data tal-ewwel Tnejn wara d-data li tikkorrispondi għal 18-il xahar wara d-data tad-dħul fis-seħħ].

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, 10.6.2022

*Għall-Kummissjoni*  
*Il-President*  
*Ursula VON DER LEYEN*